MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1764/2001/1

**Joseph u Valerie konjuġi DEBONO**

**vs**

**L-Avukat Dottor Richard SLADDEN u l-P.L. Luisa Tufigno b'Degriet tas-26 ta' Novembru, 2001, ġew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Andre' Guelfi assenti minn dawn il-Gżejjer, u b'Degriet tal-10 ta' Diċembru, 2001, Andre' Guelfi assuma l-atti tal-kawża**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-7 ta' Novembru, 2001, li bih l-atturi ippremettew;

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-villa "Koh-I-Noor", Triq Fomm Il-Għaliem, High Ridge, Madliena, liema villa hija adjaċenti għal "Villa Falcon", proprjeta' tal-konvenut, li

tinsab fl-istess triq u qegħda fuq in-naħa tax-xellug tal-villa "Koh-I-Noor", meta tħares lejn il-faċċata;

Illi matul il-ħajt li jissepara l-proprjetajiet in kwistjoni u fuq in-naħa tal-villa tiegħu, l-konvenut għandu siġar tat-tip *ficus elastica u ficus benjamina;*

Illi kif iċċertifika il-Perit Gatt fir-rapport tiegħu hawn anness u markat Dok. 'A', is-siġar in kwistjoni huma kbar u għoljin, f'xi bnadi żewġ sulari, huma itwal mill-istess ħajt diviżorju; jinsabu qrib ħafna ta' l-istess ħajt diviżorju, (metru biss il-boghod) u għalhekk f'distanza anqas minn dik permessa mill-liġi;

Illi l-Artikolu 437 (1) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) inter alia jipprovdi illi: "Ħadd ma jista' jħawwel fil-fond tiegħu siġar ta' zokk għoli f'bogħod ta' anqas minn żewġ metri u erbgħin ċentimetru...";

Illi l-Artikolu 437 (3) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi illi: "Il-ġar jista' ... jitlob li s-siġar imħawwlin f'bogħod anqas, jew li, għalkemm ikun tħalla dak il-bogħod, ikunu jgħamlulu ħsara, jiġu maqlugħa bi spejjeż tas-sid";

Illi stante t-tip tas-siġar in kwistjoni, kif ukoll minħabba l-fatt li l-istess siġar huma mħawwla viċin ħafna tal-ħajt diviżorju, l-għeruq tagħhom jistgħu jikkawżaw danni lill-atturi, kif irrelataw kemm l-espert Anthony Meli fir-rapport tiegħu hawn anness u mmarkat Dok. 'B' u l-Perit Gatt;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet fuq premessi:

1. Tordna li s-siġar li jeċċedu l-għoli tal-ħajt diviżorju, li huma mħawwla f'bogħod anqas minn dak li tirrikjedi l-Liġi, jiġu maqlugħa a spejjeż tiegħu u dan fi żmien qasir u perentorju illi tiffissa dina l-Qorti; u fin-nuqqas;

2. Jiġu awtorizzati l-atturi biex jaqilgħu l-imsemmija siġar a spejjeż tal-konvenut taħt dawk il-provvedimenti illi jogħġobha tagħti l-Qorti;

Bl-ispejjeż u b'riżerva għal kull azzjoni senjatament dik għad-danni spettanti lill-atturi kontra l-konvenut inġunt minn issa biex jidher għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-30 ta' Jannar, 2002, li biha l-imħarrek eċċepixxa;

1. Illi preliminarjament it-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-Liġi;

2. Illi preliminarjament wkoll, u mingħajr preġudizzju għal premess, iċ-ċitazzjoni odejrna hija monka stante illi m'hemmx talba sabiex l-Qorti tiddeċiedi illi l-alleggazzjonijiet magħmula mill-atturi huma veritjieri, kif wkoll minħabba n-nuqqas tal-atturi li jitolbu sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddetermina illi s-siġar de quo effettivament kkaġunaw xi ħsara lill-atturi, u dan meta fuq ammissjoni tal-istess atturi ma teżisti l-ebda ħsara fil-proprjeta' tagħhom, ai termini tal-premessa numru sitta (6), u kif rikjest mill-Liġi stess;

3. Illi preliminarjament wkoll, u mingħajr preġudizzju għal premess, il-konvenut m'huwiex il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna stante illi ma kienx hu li ħawwel is-siġar in kwistjoni kif rikjest mill-Liġi; u dan senjatament mill-Artikolu 437 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi mingħajr preġudizzju għal premess it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda stante illi huma kontraditturi fis-sens illi filwaqt illi fl-ewwel talba l-atturi qegħdin jitolbu illi s-siġar jinqalgħu mill-konvenut, fit-tieni talba qegħdin jitolbu illi s-siġar jinqalgħu minnhom stess;

5. Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju għal-premess, l-allegazzjonijiet magħmula mill-atturi għandhom jiġu determinati minn Perit Indipendenti nominat minn dina l-istess Onorabbli l-Qorti;

6. Illi għalhekk il-konvenut m'għandux jbagħti l-ebda spejjeż;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-Liġi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-14 ta' Frar, 2002, li fih l-avukat difensur tal-imħarrek fisser taħt liema artikolu kien qiegħed isejjes l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u ordnat li kellha ssir it-trattazzjoni dwar it-tieni eċċezzjoni tal-istess imħarrek dwar is-siwi tal-Att taċ-Ċitazzjoni;

Rat id-Degriet tagħha tal-15 ta' April, 2002,li bih tat lill-imħarrek żmien biex iressaq Nota ta' Sottomissjonijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tiegħu tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Mejju, 2002;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-atturi dwar l-eċċezzjoni tan-nullita';

Rat in-Nota ta' Riferenza mressqa mill-atturi fit-12 ta' Ġunju, 2002[1];

Rat id-Degriet tagħha tat-13 t'Awissu, 2002[2], fuq talba magħmula b'rikors imressaq mill-imħarrek fit-30 ta' Lulju, 2002, li bih tat lill-imħarrek il-fakulta' li jressaq Nota ta' Sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni preliminari mressqa minnu;

---

[1] Paġ. 36 tal-proċess
[2] Paġ. 38 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-14 ta' Awissu, 2002[3];

Rat id-Degrieti tagħha tas-17 ta' Ottubru, 2002, tat-13 ta' Frar, 2003, tal-15 ta' Mejju, 2003, tal-10 ta' Lulju, 2003, tal-25 ta' Settembru, 2003, tas-27 ta' Novembru, 2003, u tad-29 ta' Jannar, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni tan-nullita' taċ-Ċitazzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar tneħħija ta' siġar imħawlin qrib il-ġid tal-atturi fil-ġid tal-imħarrek f'distanza anqas minn dik mogħtija mil-liġi. L-atturi jgħidu li qrib ħafna tal-ħajt li jifred id-dar tagħhom minn dik tal-imħarrek, kienu tħawlu siġar ta' ċerta għamla li llum għolew 'il fuq mil-livell tal-istess ħajt u li z-zokk tagħhom jinsab qribu ħafna. Huma qegħdin jitolbu t-tneħħija tal-istess siġar u li jitħallew ineħħuhom huma bi sejjeż tal-imħarrek, f'każ li dan jonqos li jneħħihom hu fiż-żmien mogħti;

Illi, għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li lill-atturi għaddielhom iż-żmien li fih setgħu jressqu l-kawża; li l-att taċ-Ċitazzjoni ma jiswiex għaliex naqsu li jagħmlu talba li kienet meħtieġa; li ma messux ġie mħarrek hu għaliex is-siġar ma ħawwilhomx hu; u li t-talbiet attriċi jmorru kontra xulxin;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek. Biex ifisser din l-eċċezzjoni tiegħu, l-imħarrek jgħid li ma saret l-ebda talba biex din il-Qorti tiddeċiedi li l-allegazzjonijiet magħmula mill-atturi huma minnhom, u kif ukoll billi ma saritx talba speċifika biex il-Qorti tiddikjara li s-siġar kienu qegħdin jagħmlu ħsara lill-ġid tal-atturi;

[3] Paġġ. 39 sa 40 tal-proċess

Illi biex wieħed jista' japprezza sewwa xi jfissru l-eċċezzjonijiet taħt eżami, ikun xieraq li jingħad mill-ewwel li l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' atti ġudizzjarji tista' tingħata huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-erba' (4) ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taħt il-parametri ta' xi waħda minnhom;

Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-ligi. Tifsira tajba ta' din id-disposizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-leġislatur wera li ried iqegħdha, hija mogħtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet _Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino_[4];

Illi għalkemm l-imħarrek ma jsemmix taħt liema sub-inċiż tal-artikolu 789 qiegħed iressaq l-eċċezzjoni tiegħu taħt eżami, huwa jsemmi n-nullita' u wkoll l-irritwalita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni, u jidher li hija għalhekk imsejsa fuq il-paragrafu (ċ) tas-sub-inċiż (1) tal-artikolu 789 tal-Kap 12 kif jirreferi għall-artikolu 156(1) tal-istess Kodiċi b'mod partikolari dwar x'jikkostitwixxi "tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba";

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċizjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[5];

Illi l-liġi, tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba.

---

[4] **28.1.1998** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.30**);
[5] Ara, per eżempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (Mhix pubblikata)

Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[6];

Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni [7];

Illi, għalhekk, illum il-ġurnata jista' jingħad li l-fehma l-iżjed segwita mill-Qrati tagħna hija li ċitazzjoni m'għandhiex titwaqqa' għajr għal raġunijiet gravi[8]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-Ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[9];

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali jkunu mfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikati mit-talba nnifisha[10];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet

---

[6] Ara, per eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**)
[7] P.A.: **9.3.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;
[8] App. Ċiv.: **20.2.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***R. Merola pro et vvs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**);
[9] App. Ċiv.: **22.5.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[10] P.A. **15.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)

innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' Ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[11] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek milli jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[12];

Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed 'il fuq[13], il-Qorti qalet li "*hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut*";

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri [14]. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża[15], u għalkemm id-dikjarazzjoni maħlufa hija meħtieġa *ad validitatem* biex iċ-Ċitazzjoni tkun tiswa, dak li jingħad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista' jkun nuqqas fl-Att taċ-Ċitazzjoni[16], għalkemm jista' jitfa' dawl fuq il-kawżali u jiċċaraha[17]. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[18];

Illi, jekk wieħed iqis il-kawża preżenti u jkejjilha mal-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru isib li l-bażi kollha tal-azzjoni tagħhom hija l-biżgħa tagħhom tal-ħsara attwali jew mistennija li s-siġar jistgħu iġibu lill-ġid tagħhom, kif

[11] P.A. : **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[12] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bonniċi vs Eucharistico Żammit noe et*** (mhix pubblikata)
[13] Ara nota 9 hawn fuq
[14] App. Ċiv.: **7.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Tabone vs J. DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)
[15] App. Ċiv. **30.3.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Beżżina vs Anthony Galea***
[16] Ara P.A. **6.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Ż ahra et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.948**)
[17] App. Ċiv. **23.4.1945** fil-kawża fl-ismijiet ***Savona noe vs Asphar*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.228**); u P.A. **6.6.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Demarco vs Fiteni*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1035**)
[18] P.A. : **24.6.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii**)

toħroġ ċar sewwa minn waħda mill-premessi tal-Att taċ-Ċitazzjoni. Dan jingħad b'żieda mal-fatt li ladarba l-atturi għażlu li jsejsu l-azzjoni tagħhom fuq id-dispożizzjoni tal-artikolu 437 tal-Kodiċi Ċivili, iridu u ma jridux poġġew l-istħarriġ li din il-Qorti hija mistennija tagħmel tal-każ tagħhom fuq il-bażi tal-ħsara mġarrba jew temuta;

Illi bl-akbar rispett lejn is-sottomissjoni magħmula mill-abbli difensur tal-imħarrek fis-sens li m'hemmx rabta bejn dak li qiegħed jiġi mixli u dak li qiegħed jintalab, ma tirriżultax lil din il-Qorti li tali sottomissjoni hija waħda minnha f'dan il-każ. Dan jingħad ċertament fir-rigward tal-ewwel talba li huwa jgħid li messha saret, liema talba hija tabilfors inkluża fit-talbiet eżistenti, għaliex il-fatt jekk l-allegazzjonijiet attriċi humiex minnhom jew le huwa eżerċizzju li jrid isir f'kull kawża kontestata u m'hemmx għalfejn żgur li ssir talba appożita f'dan is-sens. Dwar it-tieni talba "nieqsa", jingħad l-istess, għaliex f'azzjoni li taf il-qofol tagħha fuq il-ħsara jew id-dannu, t-talba kif imressqa tipprużumi li jsir aċċertament fuq dan l-element ewlieni tal-azzjoni;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li n-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali u, fil-każ ta' att ta' Ċitazzjoni, tali nullita' tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar milli ta' sustanza[19], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[20]. Issa, fil-każ tal-lum, id-difett lamentat mill-kumpannija mħarrka huwa n-nuqqas ta' talba li hija tqis li kienet meħtieġa biex l-attur jista' jikseb ir-rimedju minnu mitlub;

Illi dwar dan, il-Qorti ssib li s-sottomissjonijiet magħmula waqt it-trattazzjoni f'isem l-atturi għandhom mis-sewwa, għaliex id-dikjarazzjonijiet magħmulin minnhom fil-premessi u li minnhom jinstiltu t-talbiet tagħhom ma kinux jeħtieġu li tali dikjarazzjonijiet jissawru fl-għamla ta' talba formali, billi dawn jinġabru essenzjalment f'dak mitlub fl-ewwel talba. Jekk il-Qorti se' tasal li tilqa' dik it-talba

[19] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)

[20] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

tagħhom, trid tilqagħha fuq dawk il-kawżali. Allura, ma kienx meħtieġ li ssir talba speċifika kif qiegħed jippretendi li messu sar l-imħarrek;

Illi f'dan is-sens ingħad mill-qrati tagħna li d-dikjarazzjonijiet li minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mit-talbiet tiegħu, m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-Ċitazzjoni fil-forma ta' talba[21];

Illi l-Qorti tifhem li jekk l-ewwel talba attriċi tiġi mgħarbla kif imiss, din trid issir strettament fid-dawl ta' dak li jingħad fil-premsssi. Kieku ma jkunx hekk, taqa' kull bażi li fuqha t-talba tista' tintlaqa'. Bilkemm għandu għalfejn jingħad ukoll li f'att ta' Ċitazzjoni, mhux kull premessa li hija ppruvata, jew mhux kontestata, jeħtieġ li jkun hemm provvediment speċifiku dwarha fis-sentenza;

Illi, fl-aħħarnett ma jirriżultax li bin-nuqqas allegat mill-imħarrek huwa ġarrab xi preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-istess att;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni t**al-imħarrek, bl-oispejjeż kontrih, u dan billi m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u minflok tiddikjara li l-att taċ-Ċitazzjoni jiswa; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jissokta bil-ġbir tal-provi.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[21] Ara App. **6.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Ivor Żammit et vs Michael Żammit Tabona noe*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**) u s-sentenzi hemm imsemmija